SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 36/KA2/17

07 ta’ Diċembru 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta’ filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio
Michael La Rosa
Joe Oliva
Richard Scicluna

**Assenti b’Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)**

Maria Dolores Falzon – Membru

**Assenti:**

L-ebda Membru ma’ kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

Il-Membru Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa minħabba li huwa l-aktar persuna anzjan fil-Kumitat Amministrattiv.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**36.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

36.01.01 Il-Membru Maria Dolores Falzon nforma lill-Kumitat Amministrattiv li ma setgħetx jattendi minħabba li ma tiflaħx.

**36.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

36.02.01 L-Acting ċermen ressaq il-Minuti 35/KA2/17 għall-approvazzjoni.

36.02.02 Is-Sur Albert Bonello Ghio ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

36.02.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

36.02.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

36.02.05 Is-Segretarju informa lill-Kumitat Amministrattiv li illum saret laqgħa mal-Pulizija, il-*Malta Tourism Authority* u ma' Transport Malta fir-rigward Paceville fejn ġew diskussi diversi *issues* dwar is-sitwazzjoni ta' Paceville.

36.02.06 Is-Sur Joe Oliva qajjem il-punt dwar il-problema li hemm ġewwa Paceville fir-rigward l-imwejjed u siġġijiet barra fuq il-bankina, fejn dawn mhux qed iħallu aċċess għall-pubbliku biex jagħmlu użu mill-bankina. Huwa ssuġġerixxa li għandha tintbagħat ittra lill-*Malta Tourism Authority* mill-aktar fis possibli minħabba din is-sitwazzjoni.

**36.03 Ħatra ta' Ċermen**

36.03.01 Wara ir-riżenja tas-Sur Albert Bonello Ghio minn ċermen tal-Kumitat Amministrattiv, Is-Sur Albert Bonello Ghio ippropona li jintgħażel is-Sur Michael La Rosa bħala Ċermen tal-Kumitat Amministrattiv ta' Paceville.

36.03.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

36.03.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

36.03.04 Is-Sur Michael La Rosa aċċetta l-kariga u rringrazzja lill-Membri tal-fiduċja li wrew fih.

**36.04 Ħatra ta' Viċi Ċermen**

36.04.01 Minħabba li l-post ta' Viċi Ċermen kien vakant, iċ-Ċermen Michael La Rosa ppropona li jintgħażel is-Sur Albert Bonello Ghio bħala Viċi Ċermen.

36.04.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

36.04.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

36.04.04 Is-Sur Albert Bonello Ghio aċċetta l-kariga u rringrazzja lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv tal-fiduċja li wrew fih.

**36.05 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2017;**

36.05.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2017 u ta spjegazzjoni tiegħu.

36.05.02 Wara diskussjoni qasira, iċ-Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2017.

36.05.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

36.05.04 Il-Pagamenti ġew approvati.

**36.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

36.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet min nru. P536 sa P544.

36.07.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets min nru. P536 sa P544.

36.07.03 Il-Viċi Ċermen Albert Bonello Ghio ssekondah.

**36.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

36.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni.

36.08.02 Il-Viċi Ċermen Albert Bonello Ghio ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

36.08.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

36.08.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**36.09 Materji oħra**

36.09.01 Ma kienx hemm materji oħra.

**36.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

36.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 11 ta’ Jannar 2018 fl-4.00p.m.

36.10.02 Il-laqgha ntemmet fil-5.10p.m.

**Michael La Rosa**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**